# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Decembru, 2015**

**Rikors Numru 815/2015 SM**

**Paul Zammit**
**(ID 538546)**

**vs.**

**Arne Schmidt**
**(ID tedesk 551712625)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi f'nofs is-sena 2015 ir-rikorrenti ghadda lill-intimat kwantita` ta' deheb bil-ghan li jbighhulu fil-Germanja;

1.2. Illi l-istess deheb kien jikkonsisti fi granuli jiznu kilo (1) l-wahda u jiswew hamsa u ghoxrin elf Ewro, (€25,000.00), -il wahda, *oltre* muniti li jiswew madwar hamest elef Ewro, (€5,000.00);

1.3. Illi r-rikavat mill-bejgh *de quo* kellu jinzamm mill-intimat b'self mir-rikorrenti bil-kundizzjoni li s-self jigi imrodd lura lir-rikorrenti mill-intimat sa l-ahhar ta' l-2015;

1.4. Illi l-intimat ha d-deheb il-Germanja biex ibieghu u l-vjagg involut ta' l-intimat kien imhallas mir-rikorrenti;

1.5. Illi meta l-intimat irritorna lura Malta ghadda lir-rikorrenti ricevuta ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u ghaxar Ewro u disa` centezmi, (€25,310.09); ghall-bejgh tal-granuli tad-deheb, izda m'ghadda l-ebda ricevuta ghall-muniti;

1.6. Illi sussegwentement ir-rikorrenti kkonsenja kilo (1) deheb iehor lill-intimat ghall-istess skop fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), biex din id-darba r-rikavat jitqieghed f'kont bankarju appozitu appartenenti lir-rikorrenti, liema konsenja saret fil-presenza ta' xhud;

1.7. Illi regghet irrepetiet ruhha l-mawra ta' l-intimat fil-Germanja, a spejjez tar-rikorrenti ghall-istess skop fuq indikat hemmhekk l-intimat ibiegh id-deheb in dizamina;

1.8. Illi wara r-ritorn ta' l-intimat f'Malta dan ghadda ricevuta ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, disa` mija u sebgha u sittin Ewro u sbatax -il centezmu, (€24,967.17), u informa lir-rikorrenti li m'effettwax it-trasferiment bankarju kif dovut, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.), aktar qabel);

1.9. Illi wara insistenza mir-rikorrenti, l-intimat informah permezz *t'email* li kien effettwa t-trasferiment bankarju *de quo* fis-16 ta' Lulju, 2015;

1.10. Illi meta r-rikorrenti effettwa l-verifki tieghu fir-rigward kien informat li t-trasferiment ma kienx sar;

1.11. Illi wara tali verifika, l-intimat qata` kull kuntatt mar-rikorrenti;

1.12. Illi komplessivament l-intimat approprja ruhhu minn hamsa u hamsin elf, mitejn u sebgha u sebghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€55,277.26), jew somma verjuri, appartenenti lir-rikorrenti;

1.13. Illi konsegwentement adixxa din il-qorti biex l-intimat jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.13.1. Tiddikjara li l-intimat approprja ruhhu minn flus u valuri tar-rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u hamsin elf, mitejn u sebgha u sebhin Ewro u sitta u ghoxrin centezmi, (€55,277.26), jew somma verjuri;

1.13.2. Tillikwida l-ispejjez li effettwa r-rikorrenti biex l-intimat isiefer lejn il-Germanja;

1.13.3. Tikkundanna lill-intimat biex irodd l-ammont fuq indikat jew somma verjuri lir-rikorrenti, flimkien ma' l-ispejjez likwidati fit-tieni (2) talba u flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi;

1.13.4. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti mir-rikorrenti;

3. Tirrileva li l-intimat gie deitament notifikat bl-avviz ghas-smigh u bir-rikors guramentat promotur, (ara foll 30);

4. Tirrileva wkoll li l-intimat jinsab fi stat ta' kontumacja;

5. Semghet lir-rikorrenti jikkonferma t-talbiet tieghu kif kontenuti fl-istess rikors guramentat promotur;

6. Rat in-nota sussegwenti tar-rikorrenti datata s-16 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont komplessiv lilhu dovut mill-intimat jammonta ghal erbgha u sebghin elf, hames mija u hdax -il Ewro u hamsa u disghin centezmu, (€74,511.95), kif hemm spjegat, (ara foll 32);

7. Sodisfatta ghalhekk li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi;

8. Tirrileva li l-perjodu koncess lill-intimat *ai termini* ta' l-artiklu 170 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex fih ikun jista` jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex jattakka l-procediment odjern intavolat mir-rikorrenti, ghadda inutilment;

9.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Tiddikjara li l-intimat approprja ruhhu minn flus u valuri tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgha u sebghin elf, hames mija u hdax il-Ewro u hamsa u disghin centezmu, (€74,511.95);

9.2. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti, flimkien ma l-imghaxijiet legali dovuti mis-27 t'Awwissu, 2015, sad-data ta' l-effettiv pagament;

9.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**